# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' Gunju, 2021.**

**Numru 12**

**Citazzjoni numru 916/07/1 JPG**

**Ian Dimech**

**v.**

**Mediterranean Trading Shipping Company Limited (C365), Francis E. Sullivan & Company Limited, Is-socjetajiet Olandizi Van Oord NV, Van Oord Werkendam bv u Van Oord ACZ, u l-kumpannija assikuratrici Multisure BV**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors tal-attur Ian Dimech, tat-30 ta' Awwissu, 2007, li permezz tieghu nghad is-segwenti:

> *"1. Illi r-rikorrenti kien gie impjegat mill-kumpanniji Maltin Mediterranean Trading Shipping Company Limited (C365), u Francis E. Sullivan & Company Limited, bhala "cook, general maintenance,*

*cleaning and watch duty" fuq il-vapur HAM350 u dan skond kuntratt ta' impjieg kopja ta' liema hi hawn annessa u mmarkata Dokument ID1.*

*"2. Illi l-vapur in kwistjoni jappartjeni lill-kumpanniji Olandizi Van Oord;*

*"3. Illi fit-2 ta' Settembru 2005, waqt li l-vapur HAM350 kien jinsab fil-port ta' Marsa el Brega, fil-Libya, l-esponent kien involut f'incident fuq ix-xoghol li kkawzalu disabilita permanenti ta' ghoxrin fil-mija (20%) [ara ir-rapport tal-Kaptan document ID2]*

*"4. Illi dan l-incident sehh ghaliex il-Kaptan tal-Vapur kien qieghed jgieghel lir-rikorrenti jaghmel xoghlijiet li kien jirrikjedi tahrig li bhala fatt qatt ma nghata lir-rikorrent u ghal liema xoghol ghalhekk r-rikorrent ma kienx ikkwalifikat.*

*"5. Illi inoltre l-incident gara ukoll ghaliex ma kienx hemm mizuri basici sabiex jassikuraw li l-impjegat ma jsoffriex griehi. Kien filfatt rikjest li l-impjegat jaqbez minn fuq il-vapur ghal fuq il-moll ghaliex in-nies ta' fuq il-moll ma kienux qed jiehdu il-hbula. Gara li meta l-impjegat qabez minn fuq il-vapur kif ordnat mill-kaptan, nizel hazin u kiser saqajh it-tnejn b'mod li sofra dannu permanenti kif certifikat mill-kirurgu Massimo Abela [document ID3].*

*"6. Illi ghalhekk l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghall-hsarat sofferti mir-rikorrenti billi naqsu mid-dmir taghhom li jipprovdu "a safe working environment" u billi ma hadux hsieb jaghtu lill-impjegati it-tahrig mehtieg.*

*"7. Illi kagun ta' dan l-incident ir-rikorrenti soffra danni li jinkludu telf ta' qliegh u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza.*

*"8. Illi interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni l-intimati baqghu inadempjenti.*

*"9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*"10. Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex tiddeciedi din il-kawza billi:*

*"10.1 Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghall l-incident premess f'dan ir-rikors u li fit-2 ta' Settembru 2005 u dan peress li naqsu mid-dmir taghhom li jipprovdu "a safe working environment" u billi ma hadux hsieb jaghtu lill-impjegat it-tahrig mehtieg.*

*"10.2 Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent konsistenti f'"damnum emergens" u f'"lucrum cessans"*

*"10.3 Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu d-danni kollha hekk likwidati;*

*"10.4 B'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji u tal-ittra ufficjali u tal-konsulti li saru in konnessjoni mal-kaz.*

*"10.5 Ir-rapprezentanti tal-intimati huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni."*

2. Rat ir-risposta guramentata ta' Peter Paul E Sullivan bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta Mediterranean Trading Shipping Company Limited tal-11 ta' Ottubru, 2007, li permezz taghha gie eccepit hekk:

*"1. Illi ai termini tal-kuntratt tas-servizz in kwistjoni (Dokument MTS1), ir-rikorrenti kien gie ingaggat bhala kok u sabiex jirrendi servizzi ohra kif indikat fl-istess kuntratt li pero ma kienux jinkludu attivitajiet bhal dak illi taw lok ghall-allegat incident meritu tal-kawza odjerna u ghall-allegati danni mitluba mir-rikorrenti fl-istess kawza u ghalhekk meta korra r-rikorrenti kif minnu stess allegat huwa ma kienx qieghed jagixxi fil-kuntest tal-kuntratt tal-impjieg tieghu.*

*"2 Minghajr pregudizzju ghal fuq premess, f'kull kaz is-socjeta' intimata ma tat l-ebda ordinijiet lir-rikorrenti sabiex jagixxi bil-mod kif agixxa u li wassal ghall-allegat incident u danni.*

*"3. Minghajr pregudizzju ghal fuq premess, jekk ir-rikorrenti kien imgieghel u/jew ordnat u'jew rikjest sabiex jagixxi kif agixxa mill-Kaptan tal-Vapur, certament illi s-socjeta' intimata ma ghandhiex tirrispondi ghal xi konsegwenzi inkluzi danni illi seta' sofra ir-rikorrent bhala konsegwenza ta' dan l-agir fit-tali cirkostanzi.*

*"4. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq premess, ma kienx l-obbligu tas-socjeta' intimata li tharreg lir-rikorrenti sabiex jaghmel xogholijiet illi jmorru oltre d-dmirijiet illi ghalihom kien gie ngaggat l-istess rikorrent mis-socjeta' intimata; kif lanqas ma kien l-obbligu tas-socjeta' intimata illi tipprovdi xi mizuri sabiex tassikura illi r-rikorrenti ma jsoffriex griehi fit-twettieq ta' l-istess xogholijiet illi jmorru oltre d-dmirijiet li ghalihom kien gie ngaggat.*

*"5. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghal fuq premess, ir-rikorrenti jrid jipprova illi huwa tabilhaqq sofra dizabilita' permanenti ta' ghoxrin fil-mija (20%) kif minnu allegat. F'dan il-kuntest l-intimata socjeta'*

*taghmel referenza ghac-certifikat mediku mahrug mit-Tabib Dr. Alec Sultana mill-Isptar San Luqa fir-rigward tar-rikorrent tal-24 ta' Marzu 2006 (Dok. MTS2) fejn kien gie iccertifikat illi l-ksur kien fieq sew u illi r-rikorrenti kien fi stat li jirritorna ghax xoghol.*

*"6. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghal fuq premess, l-intimata socjeta' tipprotesta ruha ghall-ispejjez billi r-rikorrenti ma esawrixxiex in-negozjati mas-sidien tal-vapur bil-ghan illi possibiliment jintlahaq ftehim bonarju u minflok ghazel it-triq tal-konfrontazzjoni.*

*"7. Salv eccezzjonijiet ohra."*

3. Rat ir-risposta guramentata ta' Peter Paul E. Sullivan bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta Francis E. Sullivan & Company Limited tas-6 ta' Frar, 2008, li permezz taghha gie eccepit:

*"Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti stante:*

*"1. Illi meta avverra ruhu l-incident, is-socjeta' eccipjenti ma kienetx il-principal tal-attur u ghalhekk ma hemmx relazzjoni guridika bejn l-attur u is-socjeta' eccipjenti.*

*"2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri"*

4. Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Matthew Brincat bhala mandatarju specjali f'isem u ghan-nom tas-socjeta` konvenuta Van Oord NV, tal-25 ta' April, 2008, li permezz taghha gie eccepit hekk:

*"Illi t-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur ghas-segwenti ragunijiet:-*

*"1. Illi l-esponent noe mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li la huwa s-sid u lanqas ma kien jopera l-bastiment HAM350 li mieghu hu marbut il-mertu tal-kaz odjern;*

*"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponent noe mhuwiex responsabbli fil-konfront ta' l-attur billi ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejnu u l-attur. Dan ta' l-ahhar ma kienx impjegat mas-socjeta' esponenti meta sehh l-incident.*

*"3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' esponenti ma kenitx negligenti fil-konfront tal-attur, u l-incident sehh unikament minhabba tort jew negligenza ta' l-attur jew minhabba forza magguri mhux fil-kontroll tas-socjeta' esponenti, u ghalhekk l-esponent nomine ma jistax jinzamm responsabbli versu l-attur.*

*"4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-incident sehh unikament minhabba kontributorjeta minn naha ta' l-attur u b'hekk l-esponent nomine mhux responsabbli in toto mid-danni reklamati mill-attur;*

*"5. Illi, inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhuwiex minnu li l-attur sofra d-dizabilita' permanenti allegata;*

*"6. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur ma ghamilx dak li kien mistenni minnu sabiex jigu evitati dawn il-proceduri jew ghall-anqas jigu mitigati d-danni minnu reklamati billi irrifjuta li jigi ezaminat mill-ispecjalisti medici, kif rikjest minghajr pregudizzju;*

*"7. Illi, subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni ghandhom jigu limitati skond il-ligi.*

*"8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra permessi mil-ligi;"*

5. Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Matthew Brincat bhala mandatarju specjali f'isem u ghan-nom tas-socjeta` konvenuta Van Oord Nederland BV ezercjenti l-kummerc bhala Van Oord Wekendam tal-25 ta' April, 2008, li permezz taghha gie eccepit is-segwenti:

*"Illi t-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur ghas-segwenti ragunijiet:-*

*"1. Illi l-esponent noe mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li la huwa s-sid u lanqas ma kien jopera l-bastiment HAM350 li mieghu hu marbut il-mertu tal-kaz odjern;*

*"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponent noe mhuwiex responsabbli fil-konfront ta' l-attur billi ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejnu u l-attur. Dan ta' l-ahhar ma kienx impjegat mas-socjeta' esponenti meta sehh l-incident.*

*"3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' esponenti ma kenitx negligenti fil-konfront tal-attur, u l-incident sehh unikament minhabba tort jew negligenza ta' l-attur jew minhabba forza magguri*

*mhux fil-kontroll tas-socjeta' esponenti, u ghalhekk l-esponent nomine ma jistax jinzamm responsabbli versu l-attur.*

*"4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-incident sehh unikament minhabba kontributorjeta minn naha ta' l-attur u b'hekk l-esponent nomine mhux responsabbli in toto mid-danni reklamati mill-attur;*

*"5. Illi, inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhuwiex minnu li l-attur sofra d-dizabilita' permanenti allegata;*

*"6. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur ma ghamilx dak li kien mistenni minnu sabiex jigu evitati dawn il-proceduri jew ghall-anqas jigu mitigati d-danni minnu reklamati billi irrifjuta li jigi ezaminat mill-ispecjalisti medici, kif rikjest minghajr pregudizzju;*

*"7. Illi, subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni ghandhom jigu limitati skond il-ligi.*

*"8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra permessi mil-ligi;"*

6. Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Matthew Brincat bhala mandatarju specjali f'isem u ghan-nom tas-socjeta` konvenuta MultisShore BV tal-25 ta' April, 2008, li taqra hekk:

*"Illi t-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur ghas-segwenti ragunijiet:-*

*"1. Illi ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-esponent noe u l-attur u s-socjeta' esponenti lanqas ma hija surrogata fid-drittijiet tas-socjetajiet Olandizi konvenuti l-ohra u ghaldaqstant l-esponenti noe mhuwiex l-legittimu kontradittur fil-kaz odjern.*

*"2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' esponenti ma kenitx negligenti fil-konfront tal-attur, u l-incident sehh unikament minhabba tort jew negligenza ta' l-attur jew minhabba forza magguri mhux fil-kontroll tas-socjeta' esponenti, u ghalhekk l-esponent nomine ma jistax jinzamm responsabbli versu l-attur.*

*"3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-incident sehh unikament minhabba kontributorjeta minn naha ta' l-attur u b'hekk l-esponent nomine mhux responsabbli in toto mid-danni reklamati mill-attur;*

*"4. Illi, inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhuwiex minnu li l-attur sofra d-dizabilita' permanenti allegata;*

*"5. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur ma ghamilx dak li kien mistenni minnu sabiex jigu evitati dawn il-proceduri jew ghall-anqas jigu mitigati d-danni minnu reklamati billi irrifjuta li jigi ezaminat mill-ispecjalisti medici, kif rikjest minghajr pregudizzju;*

*"6. Illi, subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni ghandhom jigu limitati skond il-ligi.*

*"7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra permessi il-Ligi;"*

7. Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Matthew Brincat bhala mandatarju specjali f'isem u ghan-nom tas-socjeta` konvenuta Van Oord Waterbouw BV ezercjenti l-kummerc bhala Van Oord ACZ BV tal-25 ta' April, 2008, li permezz taghha tressqu s-segwenti eccezzjonijiet:

*"Illi t-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur ghas-segwenti ragunijiet:-*

*"1. Illi l-esponent noe mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li la huwa s-sid u lanqas ma kien jopera l-bastiment HAM350 li mieghu hu marbut il-mertu tal-kaz odjern;*

*"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponent noe mhuwiex responsabbli fil-konfront ta' l-attur billi ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejnu u l-attur. Dan ta' l-ahhar ma kienx impjegat mas-socjeta' esponenti meta sehh l-incident.*

*"3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' esponenti ma kenitx negligenti fil-konfront tal-attur, u l-incident sehh unikament minhabba tort jew negligenza ta' l-attur jew minhabba forza magguri mhux fil-kontroll tas-socjeta' esponenti, u ghalhekk l-esponent nomine ma jistax jinzamm responsabbli versu l-attur.*

*"4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-incident sehh unikament minhabba kontributorjeta minn naha ta' l-attur u b'hekk l-esponent nomine mhux responsabbli in toto mid-danni reklamati mill-attur;*

*"5. Illi, inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhuwiex minnu li l-attur sofra d-dizabilita' permanenti allegata;*

*"6. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur ma ghamilx dak li kien mistenni minnu sabiex jigu evitati dawn il-proceduri jew ghall-*

*anqas jigu mitigati d-danni minnu reklamati billi irrifjuta li jigi ezaminat mill-ispecjalisti medici, kif rikjest minghajr pregudizzju;*

*"7. Illi, subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni ghandhom jigu limitati skond il-ligi.*

*"8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra permessi mil-ligi;"*

8. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 t'April, 2016, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi:

*"Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti filwaqt li tilqa l-ewwel eccezzjoni F.E. Sullivan & Co. Ltd, l-ewwel eccezzjoni ta' Multisure B.V. u kif ukoll l-ewwel u t-tieni eccezzjoni ta' socjetajiet Van Oord NV, Van Oord Werkendam bv u Van Oord ACZ u tiddikjara illi l-istess socjetajiet mhumiex il-legittimi kuntraditturi tar-rikorrent u ghaldaqstant tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta Mediterranean Trading Shipping Company Limited, tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti fir-rigward tal-istess socjeta Mediterranean Trading Shipping Company Limited, tiddikjara lis-socjeta Mediterranean Trading Shipping Company Limited responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti, tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' €81,854.61 u tordna lis-socjeta Mediterranean Trading Shipping Company Limited sabiex thallas lir-rikorrent is-somma ta' €81,854.61 bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.*

*"Bl-ispejjez kontra s-socjeta Mediterranean Trading Shipping Company Limited, b'dan illi l-ispejjez tas-socjetajiet F.E. Sullivan & Co Ltd, Van Oord NV, Van Oord Werkendam bv u Van Oord ACZ u Multisure B.V. ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrent."*

9. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Il-Perit Legali Dr. Marco Ciliberti kien tal-fehma illi l-fattispeci ta' din il-kawza kienu pjusttost semplici, u fil-maggior parti taghhom inkontestati. Fil-fatt jirrizulta illi permezz ta' kuntratt tal-14 ta' Dicembru 2004, is-socjeta' konvenuta Francis E. Sullivan & Company Limited ingaggat bhala impjegat taghha lill-attur Ian Dimech li gie impjegat sabiex jaqdi d-dmirijiet ta' "cook, general maintenance, cleaning and watch duty" fuq il-bastiment li jgib l-isem HAM350[1] . Illi permezz ta' kuntratt iehor tal-14*

[1] fol. 23 et seq.

*ta' Mejju 2005, l-attur gie impjegat fuq l-istess termini u kundizzjoni sabiex jippresta l-istess servizzi fuq l-istess bastiment, bid-differenza illi l-kuntratt sar mas-socjeta' Mediterranean Trading Shipping Co. Ltd. Illi gara illi fil-jum tat-2 ta' Settembru 2005 ghal-habta tas-7.30 tal-filghodu [u cioe fiz-zmien meta kien fis-sehh il-kuntratt ta' impjieg li jgib id-data tal-14 ta' Mejju 2005], u meta kien jenhtieg illi l-bastiment HAM350 jitrakka mall-moll fil-port ta' Marsa el Brega, fil-Libya, l-attur, li kien mitlub mill-Kaptan tal-bastiment sabiex jinzel l-art bil-ghan li jassisti fl-immaniggjar tal-irmigg, garrab incident li kawza tieghu huwa gie certifikat li qieghed ibati minn debilita' ta' natura permanenti.*

*"Filwaqt li l-attur jghid li ghal dan l-incident huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom, u dan peress illi huwa aderixxa ruhu ma ordni moghtija lilu mill-Kaptan tal-bastiment, il-konvenuti jichdu r-responsabilita' ghal dan l-akkadut.*

*"Illi s-socjeta' Mediterranenan Trading Shipping Co. Ltd. tibda billi tiskolpa ruhha ghal dan l-akkadut billi ttenni illi fil-mument tal-incident l-attur Ian Dimech ma kienx qieghed jaghmel xoghol li huwa kien ingaggat biex jaghmel, u li fi kwalunkwe kaz ma kienetx hi li tat xi ordni lill-attur li wassal ghall-incident u ghad-debilita' permanenti li huwa jsofri minnha.*

*"Illi l-provi prodotti ma jhallux dubju illi fuq il-vapur ma kien hemm ebda rapprezentant ta' Mediterranean Trading Shipping Co. Limited li setgha ta' xi ordni lil Ian Dimech, kif jirrizulta wkoll b'mod inekwivoku illi l-assistenza li kien qieghed jaghti Ian Dimech ma kienetx fil kompitu tieghu li jwettaq. Il-Perit Legali kien tal-fehma li Mediterranean Trading Shipping Co. Limited tista' tinzamm responsabbli ghall-akkadut a bazi ta' kontributorjeta' stante li ma ngiebet ebda prova u ma saret l-ebda allegazzjoni illi Mediterranean Trading Shipping Co. Limited naqset minn xi obbligu taghha meta hija rrendiet servizz permezz tal-impjegat taghha lill-bastiment HAM350. Ic-cirkostanzi kienu jkunu differenti li kieku, ghal grazzja ta' l-argument, l-attur gab prova dwar nuqqasijiet fuq il-bastiment li s-socjeta' attrici Mediterranean Trading Shipping Co. Ltd. kienet taf bihom u li minkejja dana kollu hija ma haditx il-prekawzzjonijiet mehtiega sabiex hija tipprotegi lill-impjegat taghha. Effettivament, it-talbiet attrici huma bbazati fuq l-allegazzjoni illi l-konvenuti naqqsu milli jipprovdu "a safe working environment" u tahrig adegwat lill-intimat u wkoll illi ma kienx hemm mizuri basici sabiex jassikuraw illi l-impjegat ma jsoffriex griehi.*

*"Il-Perit Legali sostna li, l-ebda prova ma ngiebet in sostenn ta' dawn l-allegazzjonijiet. Ghal kuntrarju jirrizulta illi minkejja basiku, l-attur kien inghata xi tahrig qabel gie impjegat ghall-ewwel darba fuq il-bastiment. Lanqas ma jirrizulta illi l-konvenuti jew minn minnhom naqqsu milli jipprovdu "a safe working environment", u dan ghandhu jinqara' fil-kuntest illi ma l-iskadenza ta' l-ewwel kuntratt l-attur dahal ghat-tieni kuntratt sabiex jippresta servizzi fuq l-istess bastiment. Filwaqt li huwa minnu illi l-attur sofra debilita' permanenti, kif jistqarr l-attur stess kienet*

*l-ewwel darba li huwa ntalab jinzel minn fuq il-bastiment ghal fuq il-moll. Il-provi f'dan ir-rigward mbaghad huma kontestati, ghaliex fil-waqt li l-attur jghid li huwa segwa ordni tal-Kaptan kif kien tenut jaghmel ai termini tal-klawzola 12 tal-kuntratt ta' impjieg tieghu, l-Kaptan, minkejja li ma jikkontestax il-fatt illi talab lill-attur jinzel l-art sabiex jassisti bl-irmigg, jtenni illi l-attur zbarka minn post li ma kellux jizbarka minnu. Dan il-fatt huwa kontestat mill-attur. Il-Perit Legali qies illi gialadarba l-ewwel eccezzjonijiet tas-socjeta' Mediterranean Trading Shipping Co. Ltd. ghar-ragunijiet moghtija ghandhom jigu milqugha, ma huwiex ta' utilita' illi dawn il-provi jigu evalwati f'aktar profondita.*

*"Il-Perit Legali sostna wkoll illi kien minnu illi s-socjeta' F.E. Sullivan & Co. Ltd. ma kienetx il-principal tal-attur meta avverra ruhu l-incident, u ghalhekk ghandu mis-sewwa dak li tecepixxi din is-socjeta' fis-sens illi hija ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur. Ir-raguni ghaliex il-kuntratt tal-14 ta' Mejju 2005 sar ma Mediterranean Trading Shipping Co. Ltd. u mhux ma' F.E. Sullivan & Co. Ltd. bhal dak tal-14 ta' Dicembru 2004 ma jirrizultax mill-atti ta' dawn il-proceduri, pero jirrizulta car illi fit- 2 ta' Settembru 2005, l-attur kien impjegat ta' Mediterranean Trading Shipping Co. Ltd. u mhux ta' F.E. Sullivan & Co. Ltd li allura tharrket inutilment.*

*"Illi s-socjeta' Multisure BV jirrizulta li hija merament broker ghall-bzonnijiet ta' l-assikurazzjoni ta' Van Oord, u dan kif xehed Johnny Vervoot fil-kapacita' tieghu ta' direttur ta' Multisure B.V. Din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod kontestata. Illi ghalhekk ghandha ragun din l-istess socjeta' tecepixxi illi mhijiex legitimmu kuntradittur ta' l-attur.*

*"Is-socjetajiet Van Oord NV, Van Oord Nederland BV u Van Oord Waterbouw BV, iressqu diversi eccezzjonijiet. Fosthom jecepixxu illi l-ebda wahda mis-socjetajiet ma hija s-sid tal-bastiment HAM350 kif lanqas ma joperaw il-bastiment in kwistjoni. Illi minkejja illi din l-eccezzjoni kellha tkun sorpendenti u allarmanti ghall-attur, l-attur naqas milli jissostanzja l-allegazzjonijiet tieghu dwar il-propjeta' tal-bastiment.*

*"Illi minkejja li l-attur ghazel li jharrek lil dawn it-tlett socjetajiet esteri, ma nghatat l-ebda raguni jew spjegazzjoni x'kienet il-funzjoni, ir-rwol jew ir-responsabilita' allegata ta' kull wahda minn dawn is-socjetajiet sabiex min irid jiggudika jifhem tajjeb ir-ragunijiet ghall-involviment taghhom bhala parti f'dawn il-proceduri. Madankollu, anke jekk kif ser jigi indikat l-ebda wahda minn dawn is-socjetajiet ma' hija s-sid tal-bastiment HAM350, jirrizulta illi anke Peter Paul Sullivan kien tal-fehma illi s-sid tal-bastiment kienet is-socjeta' Van Oord ACZ.*

*"Illi prezumibilment l-attur harrek lil dawn it-tlett socjetajiet stante illi huwa jtenni illi "l-vapur in kwistjoni jappartjeni lill-kumpanniji Olandizi Van Oord"[2]. F'dan ir-rigward ma jinghad xejn iktar mill-attur. Ghal kuntrarju, ic-certifikat ta' registrazzjoin tal-bastiment HAM350, esebit*

[2] Fol. 1, par. 2

*bhala dokument ma' l-affidavit ta' Richard Alexander Diekmann, juri illi s-sidien tal-bastiment huma Sleephopperzuigers II B.V. L-Perit Legali rrileva illi dan ic-certifikat inhareg mill-ministeru responsabbli f'Rotterdan nhar is-6 ta' Dicembru 2005 [u cioe wara l-incident], madanakollu lill-attur ma sehhlux jgib prova inkonfutibli ta' l-allegazzjoni tieghu dwar il-propjeta' jew l-operatur tal-bastiment, kontra l-prova mressqa mill-konvenuti dwar is-sidien ta' l-istess. Mid-dokument esebit bhala Dok. VO2 a fol. 92 jidher illi s-socjeta' Sleephopperzuigers II B.V. hija wahda mid-diversi sussidjarji tas-socjetajiet formanti parti mill-grupp Van Noord N.V.*

*"Il-Perit Legali kompla jsostni illi minghajr il-htiega ta' approfidimenti dwar il-kuncett legal applikabbli, huwa ben stabbilit illi socjetajiet kummercjali jgawdu minn personalita' guridika separata u distina. F'dan il-kaz is-socjeta' Sleephopperzuigers II B.V. [u cioe Besloten Vennootschap] hija socjeta' privata b'responsabilita' limitata u mhuwiex il-kaz li xi socjeta' jew socjetajiet ohra, fostom is-socjetajiet konvenuti esteri, anke jekk dawn huma konnessi, ghandhom jassumu xi responsabilita' ghad-danni li ghalih tista' tkun responsabbli s-socjeta' Sleephopperzuigers II B.V.*

*"Illi minkejja li l-atti tal-proceduri kienu joffru lill-attur l-informazzjoni kollha mehtiega dwar is-sid tal-bastiment, li fl-ahharnett setghet kienet reponsabbli ghall-incident u ghall-konsegwenzjali hlas ta' danni li l-attur qieghed jippretendi li huwa sofra, il-kjamata ta' liema seghtet facilment intalbet, il-Perit Legali qies illi rrizulta illi l-eccezzjonijiet tal-socjetajiet konvenuti esteri jregu fis-sens illi l-ebda wahda minnhom ma ghandha relazzjoni guridika ma' l-attur u ghalhekk dawn l-eccezzjoni kellhom jigu milqugha.*

*"Mir-relazzjoni tal-Perit Mediku il-Konsulent Charles Grixti jirrizulta illi Ian Dimech sofra ksur fil-qasba tas-sieq tax-xellug li estenda ghal wick ta' l-ghakset is-sieq tax-xellug kif ukoll ksur tal-'calcaneum' tal-lemin fl-accident li kellhu fit-2 ta' Settembru 2005. Il-ksur tal-qasba tas-sieq tax-xellug kif ukoll tal-'calcaneum' tal-lemin ghaqad.*

*"Wiehed irid jikkonsidera il-fatt illi ghalkemm il-ksur ghaqad peress li kien qed jinvolvi wick ta' gok, fil-kaz tax-xellug l-ghakset is-sieq tax-xellug u fil-kaz tal-lemin is-'subtalar joint' jista' jkun suggett li jizviluppa artrite qabel iz-zmien f'dawn iz-zewg gogi msemmija.*

*"Jekk jigri dan ikollu ugiegh u jkun limitat fil-miexi tieghu.*

*"Il-Konsulent Grixti ghamel stima tad-dizabilita' permanenti li qed isofri Ian Dimech kagun tal-accident li kellu fit-2 ta' Settembru 2005 ta' 5% (hamsa fil-mija) Il-Perit Legali kkonkluda illi, din l-Qorti ghandha tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' F.E. Sullivan & Co. Ltd, l-ewwel eccezzjoni ta' Multisure B.V. u kif ukoll l-ewwel u t-tieni eccezzjoni ta' socjetajiet Van Oord NV, Van Oord Nederland BV ezercjenti l-kummerc bhala Van Oord Wekendam u Van Oord Waterbouw BV ezercjenti l-kummerc*

*bhala Van Oord ACZ BV u tiddikjara illi l-istess socjetajiet mhumiex legittimi kuntraditturi ta' l-attur u filwaqt li tilqa' wkoll l-ewwel, tieni, t-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tas-socjeta' Mediterranean Trading Shipping Limited ghar-ragunijiet moghtija, tichad it-talbiet tal-atturi Ian Dimech fl-intier taghhom, bl-ispejjez kontra l-istess attur.*

*"Ikkonsidrat;*

*"Fir-rigward tar-responsabbilita tas-socjeta ntimata Mediterranean Trading Shipping Company, din il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni tal-Perit Legali illi din is-socjeta, qua employer tar-rikorrenti m'ghandha l-ebda responsabbilta ghad-danni sofferti mir-rikorrent. Fir-relazzjoni tieghu, il-Perit Legali jibbaza din il-konkluzjoni fuq il-fatt illi l-att li wassal lir-rikorrenti biex ikun involut fl-incident in kwistjoni ma kienx parti mill-linja tax-xoghol tieghu skont il-kuntratt ta' impjieg u ghalhekk is-socjeta Mediterranean Trading Shipping Company m'ghandha l-ebda responsabbilta ghall-akkadut. Il-Qorti ma tikkondividix din il-fehma.*

*"Mill-provi jirrizulta illi r-rikorrent qabez minn fuq il-bastiment ghal fuq l-art wara li inghata ordni mill-Kaptan biex jinzel fuq l-art jiehu hsieb il-hbula. Dan gie kkonfermat mill-Kaptan stess. Dak li ma kienx hemm qbil fuqu, huwa l-post minn fejn ir-rikorrenti kellu jaqbez u l-gholi li kellu jaqbez minnu; il-Kaptan jikkontendi li kien hemm post iktar sigur minn fejn seta' jaqbez ghaliex kien hemm inqas distanza ghall-art; ir-rikorrenti qal pero illi l-Kaptan ma tahx struzzjonijiet rigward ezattament minn fejn kellu jaqbez; struzzjonijiet li kienu krucjali ikkunsidrat illi dan ma kienx parti mix-xoghol normali tar-rikorrenti, u ma kellu l-ebda tahrig f'dan ix-xoghol partikolari. Irrispettivament minn jekk forsi kienx hemm post iktar sigur minn fejn ir-rikorrenti seta' jaqbez, din il-Qorti ma tistax tifhem kif il-haddiema ta' fuq dan il-bastiment ma gewx forniti b'gangway jew rope ladder, l-uzu ta' liema kien kapaci jipprevjeni l-incident sfortunat in kwistjoni.*

*"Il-Qorti ma taqbel xejn mal-argument illi l-agir tar-rikorrent ma kienx parti mir-responsabbilitajiet kontrattwali tieghu. Ir-rikorrent kien qieghed jesegwixxi l-ordnijiet tal-Kaptan tieghu, responsabbilita illi tohrog ukoll mill-kuntratt tal-impjieg tieghu ai termini tal-klawsola numru 12. Ghalkemm huwa minnu illi l-obbligu kontrattwali f'dan is-sens huwa limitat ghal ordinijiet li ghandhom x'jaqsmu mad-doveri tar-rikorrenti ai termini tal-ewwel klawsola, is-socjeta ntimata stess tghid fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha illi "[l]-impjegat, in kwantu bahhar fuq vapur, kellu joqoghod ghad-direzzjoni generali tal-kaptan, ghaz-zamma tal-ordni fuq il-bastiment."*

*"Il-Qorti tqis illi galadarba is-socjeta ntimata impjegat lir-rikorrenti bhala bahhar fuq vapur, qajla tista' taccetta l-argument illi l-obbligu li joqghod ghad-direzzjoni generali tal-Kaptan ma kienx obbligu direttament relatat mal-impjieg tieghu.*

*"Huwa relevanti wkoll f'dan il-kontest dak illi intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet Charles Farrugia vs Malta Investment Management Company Limited deciza fid-9 ta' Ottubru 2003, u cioe illi:*

> *"...lanqas ma jista' jinghad li d-decisjoni li jerfa ittiehdet mill-attur. Kien il-Manager tas-socjeta' konvenuta li kien jinsisti li l-attur u siehbu jgorru l-ghamara, u ma jidhirx li dawn kellhom ghazla. Veru li setghu jghidu "le", pero', meta hemm l-impjieg tieghu fin-nofs, impjegat mhux facli jirrezisti l-ordnijiet tal-employer tieghu."*

*"Dan kollu japplika aktar u aktar f'dan il-kuntest fejn ir-rikorrenti mhux talli, kif tghid is-socjeta ntimata stess, kellu obbligu generali li jsewgi d-direzzjonijiet moghtija lilu mill-Kaptan, izda talli il-kuntratt ta' impjieg jipprovdi ghall-possibilita illi l-impjieg tar-rikorrenti jigi tterminat sommarjament jekk il-Kaptan jaghmel ilment ragonevoli kontra tieghu. Ghalhekk, ma jkunx gust illi l-Qorti tippretendi illi r-rikorrenti ghandu jerfa r-responsabbilta ghall-akkadut ghaliex l-ordinijiet tal-Kaptan kienu jmorru oltra d-doveri tieghu, meta bhala bahhar, huwa kellu dmir generali li jobdi l-ordinijiet tal-kaptan, sitwazzjoni mahluqa mill-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrent, u kien hemm possibilita illi l-impjieg tieghu jintemm sommarjament kieku l-Kaptan ilmenta illi r-rikorrent ma kienx qed isegwi d-direttivi tieghu.*

*"Is-socjeta ntimata eccepiet illi m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejna u bejn il-Kaptan li ta l-ordni lir-rikorrenti. In-nuqqas ta' relazzjoni guridika diretta pero ma jezimix lis-socjeta ntimata awtomatikament mir-responsabbilita ghall-incident in kwistjoni versu r-rikorrent, ghaliex il-kuntratt ta' impjieg in kwistjoni holoq relazzjoni guridika indiretta bejn is-socjeta ntimata u r-rikorrent, meta pogga lill-impjegat tas-socjeta rikorrenti taht id-direzzjoni tal-Kaptan, li kien ukoll f'posizzjoni illi jinfluenza t-terminazzjoni sommarja tal-impjieg tar-rikorrent. Meta impjegat lir-rikorrent, is-socjeta ntimata kienet taf illi bhala bahhar, ir-rikorrent kien ser ikollu obbligu generali li jsegwi id-direzzjonijiet tal-Kaptan. Mhux talli hekk, talli s-socjeta ntimata ghamlita possibli ghaliha illi tittermina sommarjament l-impjieg tar-rikorrent f'kaz ta' ilment mill-kaptan. Ghalhekk huwa car illi r-relazzjoni ta' bejn il-Kaptan u r-rikorrent kienet krucjali ghall-impjieg tar-rikorrent mas-socjeta ntimata, u dan nonostante l-fatt illi l-Kaptan ma kienx ukoll impjegat mas-socjeta ntimata jew rapprezentant taghha. Dan fuq kollox fuq ghazla tas-socjeta ntimata stess, li volontarjament eligiet illi taghti lilha nnifisha l-possibilita li ttittermina sommarjament l-impjieg tar-rikorrent f'kaz ta' ilment minn naha tal-kaptan. Is-socjeta ntimata ma tistax tippretendi li taghti lilha nnfisha dan id-dritt, filwaqt illi mbaghad tezimi ruhha minn kull responsabbilta versu r-rikorrent jekk jigri incident waqt li r-rikorrent ikun qieghed isegwi d-direttivi tal-kaptan.*

*"Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi s-socjeta ntimata Mediterranean Trading Shipping Company hija responsabbli ghal-kwalunwke danni li jistu' iktar il-quddiem f'din is-sentenza jirrizultaw li gew sofferti mir-rikorrent.*

*"Mill-provi jirrizulta illi kienet in-norma li fil-port fejn gara l-incident il-haddiema ta' fuq il-bastiment kien ikollhom jaqbzu ghal fuq l-art biex jiehdu hsieb il-hbula huma. Dan il-fatt xehdu mhux biss ir-rikorrent, izda wkoll il-Kaptan tal-bastiment. Mill-provi prodotti ma rrizultax illi kien hemm xi mod kif il-haddiema setghu jaghmlu dan b'mod sigur, minghajr ma jkollhom bzonn jaqbzu min fuq il-vapur. Filfatt, hadd mill-intimati ma rrifjuta l-allegazzjoni tar-rikorrent, ikkorroborata mill-kaptan, illi l-haddiema kien ikollhom jaqbzu minn fuq il-vapur biex jiehdu hsieb il-hbula. Il-Qorti tqis illi huwa inaccettabli illi l-haddiema ta' dan il-vapur ma gewx provduti b'mezz sigur kif jinzlu minn fuq il-vapur meta jkollhom bzonn jinzlu biex jiehdu hsieb il-hbula. Dan l-incident sfortunat seta' gara lil kwalunkwe haddiem li kien hemm abbord, ghaliex kwalunwke persuna tista' tinzel hazin fuq saqajha meta taqbez minn gholi, anke relattivament baxx, u ssofri il-griehi li sofra ir-rikorrent fil-kaz in ezami. Irrispettivament minn jekk kienx hemm post ftit inqas gholi minn fejn setghu jaqbzu l-haddiema, il-Qorti tqis illi ma kelliex tkun in-norma li l-haddiema jaqbzu minn fuq il-bastiment, u dawk li kienu jhaddmuhom ma kellhomx ihallu li din it-tip ta' sitwazzjoni tavvera ruhha meta setghu facilment ifornu lill-haddiema b'mezzi biex jinzlu minn fuq il-bastiment b'mod aktar sigur.*

*"Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet Kevin Mallia vs Alfred Mizzi & Sons (Marketing) Limited deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Ottubru 2003:*

> *"[h]ija gurisprudenza tal-Qrati taghna li huwa obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet ta' xoghol li jassiguraw is-sahha tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol tieghu; min ihaddem ghandu dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta' periklu u riskju ghas-sahha tal-istess haddiema (ara "Bugeja vs Falzon", deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' April, 1997, u "Desira vs Grech & Co. Ltd", deciza wkoll minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju, 2002). Min ihaddem ghandu jinzamm responsabbli meta ma jiehux hsieb li jipprovdi ambjent li jassikura s-sahha tal-haddiem, u jrid ukoll jipprevedi u jipprovdi ghal fatt li l-haddiem ghandu tendenza li jitraskura r-riskji inerenti fix-xoghol tieghu. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Schembri vs Caruana noe", deciza fit-12 ta' Jannar, 1983, "wiehed irid jikkonsidra l-atmosfera fil-post tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kaz tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol, nuqqas ta' ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu inkarigati biex jahdmu mieghu fuq dan ix-xoghol"; dawn huma kollha fatturi li, min ihaddem irid jikkunsidra meta jkun qed jippjana l-lant tax-xoghol u johloq dak li komunement hu msejjah "a safe system of work."*
>
> *"Inoltre, gie indikat li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika lill-impjegati tieghu ("Cini vs Wells noe", deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 2001), u jrid jara wkoll li l-haddiema tieghu jkunu mistharrga ghat-tip ta' xoghol li jkunu mqabbda jaghmlu."*

*"Il-fatti illi s-socjeta ntimata m'hijiex il-proprjetarja tal-bastiment li fuqu kien jahdem ir-rikorrent ma jfissirx illi s-socjeta ntimata hija ezenti minn dawn l-obbligi li ghandu min ihaddem. Dan ghaliex kienet is-socjeta ntimata illi ingaggat lir-rikorrenti, u fil-fatt kienet impjegatu proprju sabiex jahdem fuq dan il-bastiment. Galadarba is-socjeta intimata ghazlet illi thaddem persuna fuq dan il-bastiment, kellha obbligu lejh li tassigura illi l-post fejn kien ser ikun qed jahdem ma jkunx konducenti ghal xi forma ta' incident, u specjalment incidenti li jistghu facilment jigu evitati bhal dak mertu tal-kawza de quo. Dan specjalment ikkonsidrat illi fil-kuntratt ta' impjieg ma hemm l-ebda klawsola permezz ta' liema is-socjeta ntimata ezimiet ruhha jew illimitat ir-responsabbilita taghha versu r-rikorrent ghal incidenti li setghu isehhu abbord il-bastiment. Ghalhekk is-socjeta ntimata kellha l-obbligu li tassigura li l-post fejn ghazlet illi tibghat lill-impjegat taghha biex jahdem ma kienx ta' perikolu ghalih. Fin-nuqqas ta' dan is-socjeta ntimata hija responsabbli versu r-rikorrent ghad-danni li setgha soffra b'kagun ta' dan l-incident, u dan naturalment minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe dritt ta' azzjoni li s-socjeta ntimata jista' jkollha kontra sid il-bastiment.*

*Ikkonsidrat;*

*"Fir-rigward tad-dizabilita permanenti intqal illi:*

> *""dak li jrid jigi stabbilit mhuwiex grad ta' inkapacita` f' sens purament mediku izda l-effett illi l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat" ("Butler –vs- Heard"). Kif spjegat fid-decizjoni "Vincenza Vella Dalmas –vs- John Ghigo et", Appell Civili, 5 ta' Frar 1980, "il-fatt li sa issa ghadha mpjegata bhal qabel ma ghandux inaqqas mid-dritt taghha ghal kumpens ghaliex il-menomazzjoni li ghandha ghad tfixkilha fl-impjieg taghha u ma tista' qatt tkun au pair ma' impjegati ohra fl-istess kategorija. Din il-menomazzjoni tincidi b' mod rilevanti fuq il-patrimonju taghha." Gie in fatti osservat illi "d-dizabilita` timplika nuqqas ta' opportunitajiet ta' xoghol alternattiv u dan in-nuqqas ta' ghazla huwa ta' zvantagg u wisq probabbli jikkaguna nuqqas ta' opportunitajiet ta' qligh ahjar f' xoghol addattat ghal min ma ghandux dizabilita` fizika ..." ("George Gatt – vs- Francis E. Carbone nomine". Appell, 7 ta' Lulju 1998)."*[3]

*"Il-konsiderazzjonijiet li trid taghmel il-Qorti huma limitati ghal:*

> *"kwantifikazzjoni tad-danni attwalment sofferti mid-dannaggjat bhala rizultat dirett ta' l-incident kif ukoll ghal dawk id-danni kollha konsegwenzjali li kien ser isofri bhala konsegwenza tad-debilita` permanenti li necessarjament tincidi fost hwejjeg ohra fuq il-kapacita` lavorativa tieghu. Dan mhux biss attwalment fic-cirkostanzi tax-xoghol fejn kien jahdem l-attur imma wkoll potenzjalment f'kull attivita` ohra lavorativa ghalih miftuha."*[4]

[3] Maria Debono vs Andrew Vaswani, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 3 ta' Ottubru 2003
[4] Carmelo Galea vs Albert Mizzi et noe, Qorti tal-Appell Civili deciz 23 ta' April 2001

*"Pero gie ritenut ukoll illi danni permanenti li jgibu bhala rizultat u konsegwenza motiv ta' misthija u telf ta' joie de vivre jincidu wkoll fuq l-aspettattivi tax-xoghol tal-persuna li ssofrihom, u li apparti l-konsiderazzjoni mil-lat jew grad ta' inkapacita` ghax-xoghol wiehed irid iqis ukoll il-kumpless tal-konsegwenzi delatarji li d-dannu jhalli fuq il-persuna skont cirkostanzi personali taghha.*[5]

*"Ghalkemm l-esperti medici ma qabblux fuq il-percentagg ta' dizabilita, ilkoll qabblu illi kagun l-incident mertu ta' din il-kawza ir-rikorrent sofra danni permanenti. Il-Qorti tqis illi r-rapporti tal-esperti medici jikkoroboraw it-tezi tar-rikorrent illi d-danni sofferti minnu ghandhom impatt delatarji fuq il-kapacita lavorativa tieghu u fuq il-possibilita tieghu illi jibqa' jkollu hajja attiva, kif kellu qabel l-incident, minhabba illi b'kagun tal-incident soffert minnu huwa, inter alia, ma jistghax jaghmel hafna hin bilwieqfa, ma jistghax jimxi jew jigri hafna, u ghandu problema kbira jimxi fuq l-imharbat, tant illi dan jikkawzalu inflammazzjoni temporanja.*

*"L-incident soffert mir-rikorrent ghandu impatt kbir fuq il-kapacita lavorativa tieghu, specjalment fil-karriera maghzula minnu, u cioe dik ta' kok, li tirrikjedi illi huwa jdum hin twil bil-wieqfa u jaghmel certu manuvri, li issa ma jistghax. B'konsegwenza ta' dan l-incident l-esponenti tilef il-karriera maghzula minnu fl-eta ta' 27 sena, tant li filfatt ir-rikorrent qieghed jissa jiddependi fuq l-ghajnuna socjali.*

*"Skont ir-rapport tal-espert mediku Mr. Charles Grixti M.D., F.R.C.S., jirrizulta illi irrikorrenti jimxi izappap fuq il-lemin u il-pexxun tal-lemin huwa izghar minn dak tax-xelluq b'centimetru u nofs. Jirrizulta wkoll li minkejja li l-ksur ghaqad, ir-rikorrenti jista' jkun suggett li jizviluppa artrite qabel iz-zmien fl-ghaksa tax-xellug u fis-subtalar joint tal-lemin. Ikkunsidrat dan, l-espert medika stima d-dizabilita permanenti li qed isofri r-rikorrenti fl-ammont ta' 5%.*[6]

*"Mir-rapport tal-esperti medici Mr. Joe Borg MD Mchir FRCS, Mr. Jason Zammit MD., MChir., u Mr. Frederick Zammit Maempel MD, FRCS, jirrizulta illi r-rikorrenti jimxi izappap u li ghandu tnaqqis fis-sensitivita fir-rigel tal-lemin mill-livell tal-irkoppa sat-truf tas-swaba. Jirrizulta wkoll illi l-gharqub tal-lemin twessa u kien hemm peroneal entrapment. Il-muskoli tal-pexxun lemini kienu kemmxejn mixrubin. Jirrizulta wkoll illi skont X-Rays li ttiehdu fl-14 ta' Jannar 2008 hemm tibdil degenerattiv fis-subtalar joint. Irrizulta illi l-ksur tal-gharqub tal-lemin halla ebbusijja fl-ghaksa w s-subtalar joint li taffetwa lir-rikorrent meta jimxi fuq l-imharbat jew jigri. Barra minn hekk, bhala rizultat tat-trawma fuq ir-riglejn gietu komplikazzjoni msejjha "Complex Regional Pain Syndrome", li pero m'hijiex ta' livell qawwi. Ghalhekk huwa kienu tal-fehma illi d-dizabilita permanenti sofferta mir-rikorrent hija ta' 9%.*[7] *In eskussjoni irrispondew illi ma jistghax jigi eskluz li fil-futur isir xi*

[5] Maria Debono vs Andrew Vaswani, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 3 ta' Ottubru 2003
[6] Fol 335-339.
[7] Fol 359 – 362.

*intervent kirugiku, pero il-kwalita ta' dawn l-interventi jkunu li jnaqqsu l-ugigh a skapitu tal-moviment.*[8]

*"Inoltre, il-partijiet kienu qabbdu lil kirurgu Raymond Gatt sabiex jezamina lir-rikorrent qabel ma giet intavolata din il-kawza. Mir-rapport tieghu jirrizulta illi l-kirurgu kien ezamina lir-rikorrent ukoll billi ha X-Rays u ghamel MRI (Lumbar Spine). Minn dan l-MRI irrizulta "..a central disk prolapse (…) causing mild bilateral nerve root compression. (…) The left lateral foramen seems to be slightly narrowed." Il-kirurgu irrileva fir-rapport tieghu "It is not implausible that a fall that fractured both lower limbs could also have factured a lumbar disk, especially since there is no relevant medical history..." Rigward riglejn ir-rikorrenti, il-kirurgu irrileva illi r-rikorrenti juri sintomi u sinjali ta' "chronic regional pain syndrome." A bazi ta' dan il-kirurgu stima illi d-dizabilita sofferta mir-rikorrenti hija ta' 13%, maqsuma fi 10% minhabba d-danni sofferti fid-dahar u 3% minhabba d-danni sofferti fl-ghaksa u fis-subtalar joints.*

*"Wara li studjat dawn ir-rapporti, il-Qorti taccetta l-istima tal-kirurgu Raymond Gatt fir-rigward tal-percentagg ta' 10% minhabba d-danni sofferti fid-dahar li dehru fuq l-MRI li ghamel il-kirurgu. L-istima f'dan ir-rigward ma jihdirx illi giet ikontradetta mis-socjeta ntimata, li anzi kienet hi illi ghazlet u insistiet illi r-rapport tal-kirurgu Gatt jigi prezentat bhala prova f'dawn il-proceduri. Jidher illi l-esperti l-ohra illi ezaminaw lir-rikorrenti ma ghamlux MRI bhal ma ghamel il-kirurgu Gatt u ghalhekk ma kienux f'posizzjoni li jirrelataw fuq id-danni sofferti mir-rikorrenti f'dahru.*

*"Fir-rigward tad-danni sofferti fl-ghaksa u subtalar joint tar-rikorrenti, illi Qorti tqis illi l-aktar rapport li jikkonvinci l-Qorti rigward l-istat ta' fatt tad-dizabilita sofferta mir-rikorrenti f'riglejh huwa dak tal-periti perizjuri, fl-ammont ta' 9%. Dawn l-esperti ghamlu ezami akkurat tal-anatomija u fizjologija tal-ghaksa u subtalar joints tarrikorrenti. Il-Qorti hadet partikolarment in konsiderazzjoni wkoll dak li xehdu l-periti medici in eskussjoni fir-rigward tal-fatt illi ma jistghux jigu eskluzi interventi kirurgici futuri, izda illi dawn l-interventi jnaqqsu l-ugigh a skapitu tal-moviment, u li ghalhekk ir-rikorrenti ser ikun f'posizzjoni li jkollu jaghzel jekk jibqax jghix b'ugigh sostanzjali kroniku, jew jekk jissagrifikax il-moviment biex inaqqas l-ugigh. Il-Qorti hadet ukoll il-konsiderazzjoni l-opinjoni tal-esperti illi d-danni ikkawzati mill-incidenti in kwistjoni ser iwassalu lir-rikorrent biex jibda jsofri minn artrite qabel iz-zmien fl-ghaksa tax-xellug u fis-subtalar joint tal-lemin.*

*"Il-Qorti ma tikkondividix mal-opinjoni tar-rikorrenti li ssottometta fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu illi l-percentagg ta' dizabilita permanenti ghandu wkoll jinkludi d-dizabilita kkawzata minn depressjoni. Dan ghaliex ir-rikorrent ma gab l-ebda prova f'dawn ir-rigward, u lanqas ma talab li jigi appuntat espert psikjatriku sabiex jezamina lir-rikorrent. Ghalhekk fin-nuqqas ta' prova konkreti rigward l-ezistenza u l-estent ta'*

[8] Fol 380.

*dizabilita permanenti ikkawzata mid-depressjoni il-Qorti hija prekluza milli tikkonsidra d-depressjoni fil-kalkolu ta' dizabilita permanenti sofferta mir-rikorrent.*

*"Ghalhekk il-percentagg komplessiv tad-dizabilita permanenti sofferta mir-rikorrenti huwa ta' 19%.*

*"Komputazzjoni tad-danni*

*"Jirrizulta pruvat illi fiz-zmien tal-incident ir-rikorrent kellu paga ta' Lm650 fix-xahar u cioe Lm7,800, ekwivalenti ghal €18,139.53, fis-sena.*

*"Multiplier:*

*"Il-multiplier, hekk kif stabbilit fil-gurisprudenza nostrana, huwa fattur diskrezzjonali. Fil-fatt il-multiplier li jigi adoperat mill-Qrati jvarja, hekk kif gie ritenut fil-kawza flismijet George Spiteri vs Raymond Fava (Citazz. Nru. 484/2008LFS): "kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena Mizzi vs Azzopardi PA 16-Dic-2004, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena Butler vs Heard App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta' 24 Gauci vs Xuereb PA 29-Ott-1970, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena Camilleri vs Polidano PA 1-Ott-1982, ta' 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42 Bonnici vs Gauci PA 15- Sett-1999, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena Bugeja vs Agius App Civ Sup 26-Lul1991, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena Dalmas vs Ghigo App Civ Sup 5-Frar1980, ta' 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena Caruana vs Camilleri App Civ Sup 27-Feb2004, ta' 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena Seisun vs Brincat PA 29-Ott-1998, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17 Turner vs Agius App Civ Sup 28-Nov- 2003, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26 Grima vs Penza PA 30-Gun-2004, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena Zammit vs Zahra PA 20- Jan-2005, ta' 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena Sammut vs Zammit App Civ Sup 3-Dic-2004, ta' 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena Mizzi vs Azzopardi PA 16-Dic-2004."*

*"Illi ghalhekk fid-dawl tal-gurisprudenza ccitata, l-Onorabbli Qorti, fil-kawza fl-ismijiet precitati ta' George Spiteri vs Raymond Fava, uzat is-segwenti chart:*

| *"Eta tal-vittma* | *Multiplier Massimu* |
|---|---|
| *0 - 15* | *35* |
| *16 - 20* | *33* |
| *21 - 25* | *30* |
| *26 - 30* | *27* |
| *31 - 35* | *22* |
| *63 - 40 (recte: 36-40)* | *18* |
| *41 - 45* | *14* |
| *46 - 50* | *11* |
| *51 - 55* | *8* |
| *56* | *6* |

*"Il-Qorti ma jidhirilx li ghandha tiddipartixxi mill-principji delineati fis-sentenza Spiteri vs Fava hawn fuq citati, u ghalhekk tqis illi fil-kawza odjerna il-multiplier ta' 27 ghandu jigi adoperat. Pero, minhabba illi r-rikorrent baqa' jithallas il-paga normali tieghu ghal sentejn wara l-incident, il-Qorti tqis illi ghandu jkun hemm riduzzjoni fil-multipliet (recte: multiplier) ta' sentejn, biex b'hekk il-multipliet (recte: multiplier) applikabbli fil-kawza de quo minhabba c-cirkostanza tal-kaz ghandu jkun ta' 25.*

*"Tnaqqis tal-lump sum payment:*

*"Is-segwenti kawzi ccitati fil-kawza Joseph Muscat vs Ludvic Camilleri, jiggwidaw ilQorti sabiex tasal ghal konkluzjoni dwar is-somma li ghandha titnaqqas bhala lump sum: Fil-kawza Caruana vs Camilleri PA 5 ta' Ottubru 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta' dewmien. Gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza: "jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction" – Agius vs Fenech 29 ta' Ottubru, 2003. " Fil-kawza Mizzi vs Azzopardi PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi Spiteri vs Zammit Tabona App Civ Sup 16-Mar-1999 u Caruana A vs Camilleri Q App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% gie mnaqqas ukoll fil-kawza Galea vs Piscopo PA 3-Ott- 2003, 5% f'Scicluna vs Meilaq PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi Turner vs Agius App Civ Sup 28-Nov-2003, Bonnici vs Gauci PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f'Zammit vs Zahra PA 20- Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u Schembri vs Caruana Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.*

*"Mill-atti tal-kawza jirrizulta li l-incident mertu ta' dawn il-proceduri sehh fl-2005, il-kawza giet intavolata fl-2007, u r-rapport tal-perit legali gie prezentat fl-2013. Mill-atti ma jirrizultax illi d-dewmien tal-kawza huwa attriwibli lis-socjeta ntimata. Lanqas huwa ghal kollox pero attribwibli lir-rikorrent, li minkejja li naqas milli jipproduci provi f'xi seduti ma jistghax jinzamm responsabbli in generali ghal fatt illi din il-kawza damet ghaddeja kwazi ghaxar snin. Il-Qorti tqis ghalhekk illi tnaqqis ta' 5% ikun ekwu fic-cirkostanzi prezenti.*

*"Ghalhekk id-danni sofferti mir-rikorrenti huma fl-ammont ta':*

*€18,139.53 x 19% x 25 – 5% = €81,854.61"*

10. Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta Mediterranean Trading Shipping Company Limited, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti tvarja s-sentenza tal-14 t'April, 2016, tal-ewwel Qorti fil-kawza fl-ismijiet

premessi, billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza fil-parti fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` Francis E. Sullivan & Company Limited, thassar u tirrevoka l-bqija tas-sentenza appellata, billi filwaqt li tichad it-talbiet tal-attur appellat, tilqa' l-eccezzjonijiet kollha taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellat.

11. Rat ir-risposta tas-socjetajiet Van Oord NV, Van Oord Waterbouw BV, ezercenti l-kummerc bhala Van Oord ACZ BV, Van Oord Nederland BV, ezercenti l-kummerc bhala Van Oord Workendam BV u Multishore BV, kif rapprezentati mill-mandatarju specjali taghhom Av. Dr. Matthew Brincat, li permezz taghha wiegbu li sa fejn is-socjetajiet esponenti gew illiberati mill-osservanza tal-gudizzju, in kwantu m'humiex legittimi kontraditturi mhux kontestat mis-socjeta` appellanti u ghalhekk m'ghandhiex u ma tistax tigi ddisturbata. Fil-bqija jaghmlu referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

12. Rat li ghalkemm l-attur appellat gie debitament notifikat bir-rikors tal-appell, huwa ghazel li ma jressaq l-ebda risposta.

13. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

14. L-attur Ian Dimech, impjegat mas-socjeta` konvenuta appellanti, ressaq din il-kawza fil-konfront tal-konvenuti, peress li fit-2 ta' Settembru, 2005, waqt li l-vapur HAM 350 li kien jahdem fuqu kien fil-port ta' Marsa el Brega, l-Libya, huwa kien involut f'incident fejn wegga' fuq il-post tax-xoghol meta waqt li kien qieghed jahdem fuq il-vapur intalab mill-kaptan li jaqbez ghal fuq il-moll sabiex jorbot il-hbula. Gara izda li hekk kif l-attur qabez, nizel hazin fuq saqajh u kisirhom it-tnejn, b'tali mod li baqa' jsofri minn dizabilita` permanenti u dan peress li huwa qatt ma nghata tahrig ghal dan, kif ukoll li l-konvenuti naqsu milli jipprovdu *a safe working environment.* Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jew min minnhom ghandhom jinzammu responsabbli ghad-danni mgarrba minnu.

15. Il-konvenuti kollha cahdu r-responsabbilita` ghall-incident li sehh. L-ewwel Qorti filwaqt li lliberat il-konvenuti l-ohra mill-osservanza tal-gudizzju, in kwantu rriteniet li ma kinux legittimi kontradditturi, sabet li s-socjeta` konvenuta Mediterranean Trading Shipping Company Limited responsabbli ghal dak li sehh u ghalhekk kellha taghmel tajjeb ghad-danni mgarrba mill-attur, li nghad li sofra minn dizabilita` permanenti f'dahru u f'riglejh, fejn gew likwidati d-danni favur l-attur fis-somma ta' €81,854.61, bl-imghax mid-data tas-sentenza.

16. Is-socjeta` konvenuta Mediterranean Trading Shipping Company Limited hassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u nterponiet appell minnha. Hija ssejjes l-appell taghha fuq hames aggravji:

(i) hija ssostni li ma kellhiex tigi dikjarata responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur appellat u dan peress li jekk l-appellat sofra d-danni, dawn kienu konsegwenza ta' talba tal-Kaptan, li m'ghandu l-ebda rabta diretta jew indiretta mas-socjeta` appellanti, izda huwa esklussivament rapprezentant tas-sidien tal-bastiment;

(ii) hija ma kellhiex tigi dikjarata responsabbli ghad-danni mgarrba mill-attur appellat u dan stante li hija impjegat lill-appellat sabiex ikun kok u jaghmel xoghol tal-ghassa, tindif u manutenzjoni generali u xejn izjed u ghalhekk l-appellat sofra d-danni meta kien qieghed jagixxi barra mill-mansjonijiet tal-kuntratt ta' impieg tieghu;

(iii) l-appellat ma kellux ghalfejn jaqbez minn fejn qabez u jekk sofra d-danni dan kien minhabba n-negligenza u t-traskuragni tieghu u s-socjeta` appellanti m'ghandhiex tigi dikjarata responsabbli ghal danni li l-appellat ikkaguna lilu nnifsu;

(iv) il-percentwal ta' dizabilita` kif determinat mill-ewwel Qorti huwa eccessiv;

(v) l-ewwel Qorti m'ghamlitx id-deduzzjonijiet kollha mis-somma pagabbli lill-appellat li gurisprudenzjalment kellhom isiru mill-ewwel Qorti.

17. Illi ghandu jinghad mal-ewwel, li din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel aggravju tal-appellanti. Il-fatt li l-attur wegga' hekk kif kien qieghed isegwi t-talba tal-Kaptan tal-vapur li kien qieghed jahdem fuqu, m'ghandux jezimi lis-socjeta` konvenuta mir-responsabbilita` taghha. Ghalkemm huwa minnu li l-Kaptan m'ghandu l-ebda rabta diretta mas-socjeta` appellanti, jibqa' l-fatt li l-attur huwa impjegat taghha, kif jirrizulta mill-kuntratt ta' impieg esebit in atti (Dok. MTS1 a fol. 47 tal-process) u skont l-istess kuntratt tal-attur appellat:

"1. *The duties of the Employee will be those of a cook, general maintenance, cleaning and watch duty as required on Motor Vessel HAM 350".* Kif ukoll:

*"12. **The employee must accept the orders given to him according to point one (1) by the master and/or superintendent on board."***

18. Ghalkemm wiehed jista' jargumenta li x-xoghol tal-attur kien limitat ghal dawk id-doveri hemm elenkati, izda kif osservat mill-ewwel Qorti, is-socjeta` appellanti kellha wkoll id-dritt li tittermina l-kuntratt tal-attur

sommarjament f'kaz li l-Kaptan jaghmel ilment ragonevoli kontra tieghu (Klawsola 7 tal-istess kuntratt). Isegwi li ma jkunx gust li jinghad li l-attur wegga' peress li ghamel xi haga li ma kinitx mitluba minnu fil-kuntratt. Wiehed ma jistax jippretendi li l-ewwel jaghmel klawsoli daqstant generici, izda fl-istess waqt oneruzi fuq l-impjegat, sabiex imbaghad jipprova jahsel idejh minn kull responsabbilita` mal-ewwel okkazjoni li tinqala', billi jghid li l-ordni tal-Kaptan kienet tmur lil hinn mid-doveri tal-impjegat in kwistjoni. Giadarba l-impjegat tpogga f'dik is-sitwazzjoni fejn kellu jsegwi l-istruzzjonijiet moghtija lilu mill-Kaptan, (altrimenti seta' jitkecca jew ma jkollux il-kuntratt imgedded) u wettaq dak mitlub minnu, mhux ghax offra li jaghmel din il-bicca xoghol minn jeddu, izda ghaliex kien mitlub li jaghmel dak li ghamel mill-istess Kaptan, isegwi li s-socjeta` appellanti ghandha tirrispondi ghall-akkadut f'kaz li jirrizulta li naqset mid-doveri taghha bhala dik li thaddem lill-impjegat in kwistjoni. Ghalkemm il-Kaptan ma kienx impjegat tas-socjeta` konvenuta appellanti, jew rapprezentant taghha, hija stess tat lill-Kaptan rwol determinanti fil-kuntratt tal-impieg tal-attur appellat. Kif inghad fis-sentenza citata mill-ewwel Qorti ta' **Farrugia v. Malta investment Management Company Limited,** m'huwiex facli ghall-impjegati li jirrifjutaw li jwettqu l-inkarigu moghti lilhom meta jkun hemm l-impieg taghhom fin-nofs.

19. Jigi nnutat ukoll li, fl-ewwel aggravju taghha s-socjeta` konvenuta appellanti tishaq li huwa principju kardinali fid-dritt marittimu li l-Kaptan

tal-vapur huwa r-rapprezentant tas-sidien tal-bastiment u li allura ghandhom ikunu is-sidien li jwiegbu ghall-kwalunkwe` azzjoni li ha l-Kaptan li tista' tirrizulta f'danni lil terzi. Madankollu hija ma talbitx li ssir is-sejha fil-kawza tal-Kaptan jew tas-sidien tal-bastiment. Fi kwalunkwe kaz, tajjeb li jigi mfakkar li, in kwantu l-appellanti tilmenta dwar id-decizjoni tal-ewwel Qorti, sa fejn inghad minnha li ghalkemm hija mhix sid il-bastiment, xorta kellha l-obbligu li tassigura ruhha li l-post fejn kellu jahdem l-impjegat taghha ma kienx wiehed ta' perikolu ghalih, tajjeb li jigi mfakkar illi r-responsabbiltajiet tas-socjeta` appellanti m'humiex biss dawk naxxenti mir-relazzjoni kuntrattwali taghha mal-attur appellat izda l-obbligi ta' min ihaddem, huma rizultanti mil-ligi li titratta l-materja. Ghalhekk ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 6(2) tal-Kap. 424 (Att dwar l-Awtorita` ghas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol), wiehed isib fost affarijiet ohra, l-mizuri li ghandhom jittiehdu minn min ihaddem sabiex jevita dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol, li ghandhom jittiehdu fuq il-bazi ta' dawn il-principji generali ta' prevenzjoni:

> ***"(a) li jiġi evitat riskju;***
> ***(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;***
> ***(c) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;***
> ***(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;***
> ***(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun inqas perikoluż;…"***

20. Applikati dawn il-kriterji rizultanti mill-provvediment tal-ligi ghall-kaz in ezami, mill-provi in atti ma jirrizultax li s-socjeta` konvenuta nvestiet

f'*risk assessments* sabiex tiddetermina liema huma r-riskji jew il-perikoli li huma assocjati ma' dan ix-xoghol tal-impjegat taghha, u konsegwentement setghet tiehu l-mizuri xierqa sabiex jitnaqqas il-perikolu jew il-potenzjal li jsehh incident. Ladarba s-socjeta` konvenuta appellanti naqset mid-dover taghha li tassikura li l-lant tax-xoghol kien wiehed sigur ghall-impjegat taghha, nkluz li jkun hemm *gangway* jew mezz t'access iehor sigur, kif dawk abbord il-vapur ikunu jistghu jinzlu l-art, fattur determinanti ghall-incident in kwistjoni, ghalhekk ghamlet sew l-ewwel Qorti meta tefghet ir-responsabbilita` ghall-incident fuq is-socjeta` konvenuta appellata. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti meta tilmenta li l-ewwel Qorti kienet qieghdha tippretendi l-impossibbli minnha, wara kollox skont ix-xhieda ta' Peter Paul Sullivan, l-attur kien jibqa' ghassa fuq il-vapur meta dan kien jigi Malta. Kwindi l-appellanti certament kellha l-opportunita` li taghmel il-verifiki u l-accertamenti mehtiega sabiex jigu identifikati r-riskji u jittiehdu l-mizuri mehtiega sabiex dawn jitnaqqsu. Isegwi li dan l-ewwel aggravju ma jregix.

21. L-istess jista' jinghad ghat-tieni aggravju. Ghalkemm fi kliem ix-xhud Sullivan, ix-xoghol tal-attur kien dak ta' kok u ta' tindif mehtieg fuq il-vapur, mit-terminologija wzata fil-kuntratt tal-impieg tieghu, jirrizulta li meta sar il-kuntratt zdied ix-xoghol ta' manutenzjoni sabiex l-attur ikun jista' jitqabbad jaghmel dak li jkun hemm bzonn fuq il-vapur in kwistjoni. Huwa mifhum li persuna mpjegata bhala kok, ma jkollhiex gharfien kif

taghmel affarijiet relatati max-xoghol ta' bahhar. Tant hu hekk, li skont ix-xhieda ta' Nicholas Saliba, assistent ghad-Direttur tal-Operazzjonijiet tas-socjeta` Francis E. Sullivan & Company Limited, li hija assocjata mas-socjeta` konvenuta appellanti, meta l-attur applika ghal dan ix-xoghol, kien mehtieg li l-ewwel jaghmel erba' korsijiet bazici sabiex ikun jista' jigi accettat abbord il-bastiment. Issa filwaqt li l-attur ghamel tliet korsijiet bejn April u Gunju tas-sena 2005 (ara Dok. NS2 sa NS4 a fol. 147 et seq tal-process), relatati ma' "*Fire Fighting*", "*First Aid*" u "*Personal Survival Techniques*", izda jidher li l-ahhar kors ta' "*Personal Safety and Social Responsibility"* l-attur ma lahaqx ghamlu peress li l-kors kien ghadu mhux miftuh u l-principali barranin riedu li l-attur jibda jahdem, minkejja li ma kellux l-korsijiet bazici kollha lesti u li dan il-kors pendenti jsir aktar 'il quddiem meta l-attur ikun lura Malta bil-*leave*. Din il-Qorti thoss li s-socjeta` konvenuta kellha l-obbligu bhala dik li thaddem l-attur maghha, li tassigura ruhha li l-attur jinghata t-tahrig kollu mehtieg qabel jintbaghat fuq il-bastiment u mhux l-ewwel tibaghtu fuq il-bastiment u mbaghad tara meta jkun jista' jkompli t-tahrig mehtieg ghalih. Dan l-agir ma jirriflettix l-oneru ta' responsabbilita` xierqa, kif vestita mil-ligi f'min ihaddem.

22. Ghalkemm huwa minnu li s-socjeta` konvenuta appellanti ma kinitx hi li talbet lill-attur jaqbez mill-vapur, ladarba kien mistenni mill-attur li joqghod ghall-istruzzjonijiet moghtija lilu mill-kaptan, kif rizultanti mill-kuntratt tal-impieg tal-attur, kif spjegat qabel, il-pretensjoni tas-socjeta`

konvenuta appellanti li tahsel idejha mill-akkadut ma tistax tirnexxi. Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mat-tieni aggravju tal-appellanti, li l-ordni li nghatat mill-Kaptan kienet taqa' lil hinn mid-doveri tal-attur, kif rizultanti mill-kuntratt t'impieg tieghu. Kwindi jigi ribadit li din il-Qorti, bhal ta' qabilha tqis li s-socjeta` appellanti ghandha twiegeb ghad-danni li garrab l-attur appellat kagun tal-incident in kwistjoni u dan minghajr pregudizzju ghal kull dritt t'azzjoni li hija ghandha fil-konfront tal-kaptan jew tas-sid il-bastiment.

23. Rigward it-tielet aggravju li l-attur ma kellux ghalfejn jaqbez minn fejn qabez, u li allura jekk sofra d-danni dawn kienu konsegwenza tan-negligenza tal-istess attur li ghaliha ma tirrispondix l-appellanti, ghandu jinghad li f'dan il-kuntest huwa evidenti l-importanza li mpjegat jinghata t-tahrig mehtieg relattiv ghall-mansjonijiet tieghu. Ghalkemm huwa minnu li l-attur gie mpjegat principalment bhala kok, madankollu s-servizzi tieghu kienu qeghdin jinghataw abbord bastiment u f'dan il-kuntest l-evalwazzjonijiet tar-riskji huma differenti minn dawk ta' kok li jahdem fi kcina fuq l-art. Meta l-attur gie nkarigat li jaqbez minn fuq il-bastiment ghal fuq il-moll, ghalkemm il-kaptan jixhed li kien qallu "*to leave the vessel amidships between two bollards"* li skont il-kaptan ikun bejn wiehed u iehor tal-istess livell tal-moll u li qatt ma qallu li jitlaq min-naha tal-*foredeck,* l-attur jichad dan. Ghalkemm l-gholi minn fejn qabez l-attur seta' kkontribwixxa ghall-akkadut, jibqa' relevanti li l-fatt li ma kienx

hemm mezz sigur ta' kif wiehed jinzel minn fuq il-vapur. Inoltre, l-attur in kontro-ezami jixhed li dakinhar tal-incident kienet l-uniku darba li huwa qabez minn fuq il-vapur, li jixhed in-nuqqas ta' tahrig dwar dan l-aspett ta' xoghol mitlub mill-attur. Jinghad biss mill-attur li huwa kien ra din il-manuvra ssir diversi drabi mill-inginier jew il-*crane operator* abbord li kienu jaqbzu. Dan mhux il-mod kif isir tahrig dwar aspett perikoluz tax-xoghol in kwistjoni. Fin-nuqqas ta' taghmir sabiex l-ekwipagg jinzel mill-vapur b'mod sigur u fin-nuqqas ta' tahrig ta' kif l-ahjar wiehed jinzel sabiex jigi evitat il-perikolu, din il-Qorti ma thossx li ghandha tigi akkollata responsabbilita` kontributorja fuq l-attur. Ghalhekk dan it-tielet aggravju ser jigi michud ukoll.

24. Imiss li jigi trattat ir-raba' aggravju, dak fejn l-appellanti tikkontendi li l-percentwal ta' dizabilita`, kif determinat mill-ewwel Qorti, huwa wiehed eccessiv. Skont l-espert mediku nkarigat mill-attur, il-kirurgu Massimo Abela, l-attur kien qieghed isofri dizabilita` permanenti ta' 20%. Mentri mir-rapport mediku tal-perit mediku nkarigat mill-ewwel Qorti, Mr. Charles Grixti, l-attur gie stmat li qieghed isofri dizabilita` permanenti ta' 5%. Filwaqt li l-periti addizjonali stmaw id-dizabilita` mgarrba mill-attur fl-ammont ta' 9%. Inoltre, l-partijiet kienu qabbdu lill-kirurgu Raymond Gatt sabiex jezamina lill-attur, li wara li ddetermina li l-attur sofra dizabilita` fid-dahar stmata bhala 10% u 3% minhabba d-danni sofferti fl-ghaksa, wasal ghal total ta' 13%. L-ewwel Qorti adottat l-10% stabbilita` mill-kirurgu Gatt

bhala dizabilita` mgarrba f'dahar l-attur, flimkien mad-9% stmata mill-periti addizzjonali bhala d-dizabilita` mgarrba mill-attur f'riglejh, sabiex waslet ghal total ta' dizabilita` ta' 19% ghall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni. L-appellanti tirrileva li filwaqt id-dizabilita` totali stmata mill-kirurgu Gatt kienet ta' 13%, l-ewwel Qorti messha adottat il-percentwal ta' dizabilita` ta' 9% kalkolat mill-periti addizzjonali.

25. Il-gurisprudenza tghallem illi fejn il-persuna danneggjata jkollha diversi debilitajiet, huwa solitu illi l-Qorti tasal ghal *weighted average* fir-rigward tal-percentwal ta' dizabilita`. Hawnhekk issir referenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Bartolo et v. George Zammit,** deciza fit-30 t'April, 2001, fejn il-Qorti f'kaz ta' numru ta' debilitajiet, kienet konfrontata b'diversi persentaggi u hija kkummentat hekk:

> *" Din id-diffikulta' gejja wkoll mill-fatt li*
>
> *The fixation of damages is so largely a matter of opinion or of impression that differences of calculation or assessment are to be expected. There is to some extent an exercise of judicial discretion. Per Morris L.J. in Scott v Musial.*
>
> *…Fil-kaz M. Caruana vs G Camilleri PA JSP 5/10/93 il-Qorti titkellem dwar "weighted average" u rriferiet ukoll ghas-sentenza Butler vs Heard fejn intqal li "dak li jrid jiġi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacita' f'sens purament mediku, izda l-effett illi l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tad-danneggjat."*

Dan il-principju kien adoperat ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Jannar, 2014, fil-kawza fl-ismijiet **Brian Micallef v. Brian Tyre Services Limited,** fejn f'kaz ta' persuna li sofriet minn diversi debilitajiet konsegwenza ta' incident li garrbet, issemmiet il-htiega li jigi stabbilit *weighted average*:

> *"Skont il-ġurisprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' diżabilità permanenti għandu jiġi adoperat il-kriterju magħruf bħala weighted average, fejn id-diversi gradi ta' diżabilità permanenti riżultanti jiġu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni a priori li l-multipliċità tal-feriti jiġu komputati komplessivament. Bil-weighted average, għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat (Cassar Pullicino noe et vs Xuereb et, App. 20.02.2009)."*

26. Hekk ukoll, f'sentenza aktar recenti ta' din il-Qorti tas-6 t'Ottubru, 2020, fil-kawza fl-ismijiet **Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et** inghad hekk fir-rigward:

> *"Illi l-artikolu 1045 tal-Kodici jaghmilha cara illi l-komputazzjoni tad-danni issir a bazi tad-danni patrimonjali soffert minn dik il-persuna, u ghalhekk il-Qorti bilfors trid tallacja l-komputazzjoni tal-weighted average mal-impatt illi d-diversi menomazzjonijiet li sofra l-appellant jista' jkollhom fuq il-kapacita lavorattiva u l-qliegh futur tieghu. Fil-fatt hija gurisprudenza kostanti tal-qrati Maltin illi l-percentwali ta' disabilita` li trid tigi stabbilita ma tirriflettix il-grad ta' inkapacita` f'sens purament mediku izda fuq l-effett illi din ghandha fuq il-qliegh tad-dannegjat".*

Din il-Qorti wara li qieset dawn il-principji, kif ukoll ir-rapporti tal-esperti medici kemm dawk mahtura mill-Qorti, inkluz ix-xhieda moghtija minnhom in eskussjoni, kif ukoll dawk inkarigati mill-partijiet, tasal ghall-konkluzjoni li ghandha ragun l-appellanti in kwantu ma kellux jinhareg it-total ta' zewg dizabilitajiet, izda ghandu jigi mnaqqas il-percentwal ta'

dizabilita` adottat mill-ewwel Qorti, sabiex minflok meta jigi adoperat il-*weighted average* jigi adottat percentwal ta' 15%. Ghalhekk dan l-aggravju jimmerita li jigi milqugh.

27. Jonqos li jigi trattat l-ahhar aggravju tas-socjeta` konvenuta appellanti, dak fejn tilmenta li mis-somma pagabbli lill-appellat, l-ewwel Qorti m'ghamlitx it-tnaqqis li normalment isir f'kawzi simili. In kwantu ghat-tnaqqis ta' zewg terzi (2/3) li jsir meta persuna ma tkunx kap ta' familja u ghas-sentenzi li ssir referenza ghalihom, jigi osservat li f'dawk iz-zewg kazijiet, ic-cirkostanzi tal-kaz kienu differenti, peress li l-incident f'dawk il-kazijiet wassal ghall-mewt tal-vittma u l-eredi tal-vittma ressqu l-kawza. Kien f'dawk ic-cirkostanzi fejn gie ritenut li sa fejn l-eredi ma kinux qeghdin ifittxu *de jure proprio,* izda bhala eredi tal-mejta, kwindi saret id-distinzjoni bejn sitwazzjoni fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja li, minnu din tkun qieghdha tiddependi direttament, ghal xi sitwazzjoni ohra fejn invece ghaz-zamma u ghixien ta' membru iehor ta' familja li qieghdha tghix fi hdanha u li fin-normalita` tal-hajja l-probabilita` tkun li din tiehu l-istat taghha jew tmur tghix ghal rasha. Certament dan il-kriterju m'huwiex applikabbli fil-kaz in ezami, fejn l-attur qieghed imexxi l-kawza *de iure proprio*. Isegwi li dan l-argument ma jregix.

28. Lanqas l-argument tal-appellanti rigward it-tnaqqis ghal *lump sum payment,* ma jista' jirnexxi. L-appellanti tilmenta mill-fatt li ghalkemm il-

kawza hadet iz-zmien, dan ma kienx ghal xi raguni imputabbli lilha, kwindi l-ewwel Qorti kellha tadotta tnaqqis ulterjuri u mhux semplicement dak ta' 5%. Certament it-tnaqqis ma jigix adoperat kif suggerit mis-socjeta` konvenuta appellanti fejn sahansitra tippretendi tnaqqis ta' 20%. Skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin il-percentwali ta' tnaqqis minhabba l-hlas ta' *lump sum payment* jonqos bir-rata ta' 2%. Din ir-riduzzjoni fil-precentwali ta' tnaqqis tibda tiddekorri minn dakinhar li tkun giet intavolata l-kawza sakemm tinghata s-sentenza finali. Hekk inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti deciza fit-13 ta' Lulju, 2020, fil-kawza fl-ismijiet **John Muscat v. Camray Limited et**:

"Fil-*kaz tat-tnaqqis bhala lump sum payment, skont kriterju li gie mistharreg mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet Joseph Agius v. All Services Ltd. deciza fit-2 ta' Gunju, 2005:*

*"f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ("lump sum payment") lill-beneficcjarji. Jekk id-decisjoni, pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-percentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawza iddum aktar minn sentejn, il-percentagg jonqos b'zewg punti ghall-kull sena ohra li l-kawza iddum biex tigi decisa."*

*Huwa ritenut ukoll li dan it-tnaqqis ghandu jibda jigi kkalkolat minn meta tigi ntavolta l-kawza u mhux minn meta sehh l-incident. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Frar, 2004, fil-kawza fl-ismijiet Annunziata sive Nancy Caruana v. Odette Camilleri). Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, meqjus il-fatt li l-kawza giet intavolata fis-sena 2008, u konsidrat il-fatt li ser tinghata sentenza finali f'dan il-kaz, wara tnax-il sena, din il-Qorti ma tqisx li ghandu jkun hemm tnaqqis bhala lump sum payment."*

B'applikazzjoni tal-istess principji ghall-kaz in ezami, ghalkemm it-tnaqqis ta' 5% kien gustifikat meta nghatat is-sentenza mill-ewwel Qorti, kunsidrat li f'dan il-kaz il-kawza kienet intavolata fis-sena 2007, filwaqt li s-sentenza

finali qieghdha tinghata llum, wara erbatax-il sena, din il-Qorti ma tqisx li ghandu jsir tnaqqis ulterjuri bhala *lump sum payment.*

29. Ghalhekk kunsidrat li ser jintlaqa' r-raba' aggravju, fejn ser jitnaqqas il-percentwal ta' dizabilita` ghal 15%, izda fejn il-paga u l-multiplikand ser jibqghu l-istess, mentri peress li gie ritenut li m'ghandux isir tnaqqis fil-forma ta' *lump sum payment,* ghall-fini tal-*lucrum cessans* din il-Qorti ser taghmel komputazzjoni mill-gdid: €18,139.53x15%x25 = €68,023.24. Ghaldaqstant il-*lucrum cessans* li ghandu jithallas mis-socjeta` konvenuta appellanti lill-attur appellat qieghed jigi llikwidat fl-ammont €68,023.24.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-appell billi tilqghu in parte u filwaqt li tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn id-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-istess incident bhala *lucrum cessans* gew likwidati fis-somma ta' wiehed u tmenin elf, tmien mija u erbgha u hamsin ewro u wiehed u sittin centezmu (€81,854.61) u minflok tillikwida d-danni sofferti mill-appellant bhala *lucrum cessans* fis-somma ta' tmienja u sittin elf u tlieta u ghoxrin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€68,023.24), u tikkonfermaha fil-bqija taghha, bl-imghax mid-data tas-sentenza appellata sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' dan l-appell jithallsu in kwantu ghal tmenin fil-mija (80%) mis-socjeta` konvenuta appellanti u ghoxrin fil-mija (20%) mill-attur appellat, filwaqt illi l-ispejjez tal-prim'istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
da